**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 17 ta' Gunju 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 248/2018/2 JPG**

**Kawza Nru.: 24**

**JB**

**Vs**

**U b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2018, gew nominati l-Avukat Dr Benjamin Valenzia u PL Nadine Farrugia bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lil assenti YW.**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JB**,** datat 5 ta' Awwissu 2019, a fol 2 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi insegwitu ghall-ahhar seduta huwa qieghed hawn jippresenta vera kopja tac-certifikat tat-titolu tal-proprjeta X bhala Dokument RTD1 u dak tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Edward Flores tal-28 ta' Settembru 2005, Y.*

2. *Illi l-partijiet qeghdin jaqblu li l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom tigi dikjarata xolta u li l-proprjeta f'X tigi assenjata lill-intimata mentri dik f'Malta lir-rikorrenti.*

   *Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Qorti Onorabbli joghgobha tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u bl-applikazzjoni tas-sub-artikoli (5) u*

*(6) tal-artikolu 66L tal-Kodici Civili Kapitolu Sittax tippronunzja ix-xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti u l-assenjazzjoni tal-proprjeta' X lill-intimata u l-proprjeta' Y lir-rikorrenti.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-avukati difensuri tal-partijiet, ghal rigward ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li permezz tieghu ddikjaraw fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2021 (vide fol 17) illi:

***"il-proprjeta kollha li qieghda Malta ghandha tigi assenjtata lill-attur waqt li il-proprjeta kollha li hemm X ghandha tigi assenjata lill-intimata kif iddikjarat hi stess a fol 38 tal-process."***

Rat illi l-attur irtira it-tieni talba tieghu f'seduta tad-29 ta' Jannar 2021 (vide fol 17);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex it-talba ta' separazzjoni bejn il-partijiet titqies bhala talba ta' divorzju u dan ai termini tal-artikolu 66(F) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi kif segwenti:

***(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta'divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.***

***(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma'kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju.***

***(3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet.***

***(4) Kull parti, meta tagħmel talba għad-divorzju, għandha tiddikjara bil-ġurament tagħha jekk dik il-parti jew il-parti l-oħra jkunux diġà għamlu talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu IIIta' dan it-Titolu.***

Il-Qorti tosserva illi skond l-artikolu 66(F) il-partijiet f'kawża ta' separazzjoni, jistghu, f'kull waqt matul dik il-kawża, jaghmlu talba permezz ta' rikors sabiex dik it-talba ghas-separazzjoni hekk kif dedotta fir-rikors promotur titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju diment li tali talba ssir qabel ma l-kawza tigi mhollija ghas-sentenza. Meta ssir talba a tenur ta' dan l-artikolu, il-Qorti adita mill-proceduri originali ta' separazzjoni ghandha tisma lill-partijiet sabiex tikkonstata jekk effettivament il-kundizzjonijiet mahsuba fl-artikolu 66B [1] humiex soddisfacentement ippruvati. Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju u dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju.

---

[1] L-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza specifika ghal subartikolu (c) li jelenka r-rekwiziti ghall-ottjeniment ta' divorzju u cioe', il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

***(a) Fid-data li jibdew il-proceduri ta' divorzju, il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
***(b) Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u***
***(c) Il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkustanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-Artikolu 57.***

Dak li jrid jigi deciz f'dana l-istadju huwa jekk prima facie hemmx ir-rekwiziti necessarji ghal dikjarazzjoni li l-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet tista' tigi konvertita f'wahda ta' divorzju.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Gunju 2005 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. L-attur jsostni bil-gurament illi l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg kawza tal-adulterju taghha u kawza ghal-abbandun taghha. Jirrizulta illi waqt iz-zwieg il-partijiet kienu akkwistaw proprejta f'Malta[2] kif ukoll f'X[3] Jirrizulta di piu' illi bi ftehim bejn il-kontendenti, il-proprjeta' f'Malta ser tigi assenjata lill-attur waqt li l-proprjeta f'X ser tkun assenjata lil YW. L-atti processwali juru illi ftit wara z-zwieg il-konvenuta abbandunat lil attur u telqet minn Malta. Di piu' jidher illi l-attur gie debitament awtorizzat biex jipprocedi bid-divorzju permezz tad-digriet tal- Onor. Imhallef A. Lofaro tal-10 ta' Dicembru 2020 (vide fol 19).

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li jezistu prima facie r-rekwiziti ghal dikjarazzjoni li l-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet tista' tigi konvertita f'wahda ta' divorzju.**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur u tordna li t-talba taghha ghas-separazzjoni maghmula fil-kawza odjerna titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di piu', tirriserva li tipprovdi dwar ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mal-kawza principali tad-Divorzju, atti numru 248/2018.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

[2] (vide atti 248/2018/2, fol 4 - kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Edward Flores datat 28 ta' Settembru 2005).
[3] (vide atti 248/2018, a fol 22 et seqq. - dokumenti BZZ1 u BZZ2).